MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Santa Venera

# 9 LEĠISLATURA

## Tkomplija tal-Laqgħa Numru 5

**Il-Ħamis, 10 ta' Ottubru, 2019**

Il-Kunsilli Lokali Santa Venera ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Uffiċċju Amministrattiv, Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera, fil-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| IS-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:** Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

## 5.6 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 5.6.2 Jum Santa Venera

Is-Sindku talab lis-Sur Gianluca Falzon sabiex jgħati rendikont tal-iżviluppi dwar iċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Santa Venera. Is-Sur Falzon informa lill-membri li wara li kkonsulta mal-membri tas-Sotto Kumitat il-proposta hi li ssir ċelebrazzjoni fl-iskola Primarja ta' Santa Venera u filgħaxija c-celebrazzjoni issir fi ġnien Romeo Romano fejn

iċ-ċerimonja tal-Ġieħ (li jinkludi riċeviment żgħir) ser ddum madwar siegħa u nofs. Is-Sur Falzon ippreżenta programm dettaljat.

Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu ma' din il-proposta.

### 5.6.2.2 Rakkomandazzjoni Ġieħ /Mertu

Is-Sindku informa lill-membri li l-Bord tal-Għażla tal-Ġieħ/Mertu Santa Venera iltaqa' u wasal għar-rakkomandazzjoni. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jaqra ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

Fis-6.50 ħarġu mill-kamra, minħabba kunflitt ta' interess, is-Sa Courtney Farrugia, is-Sur Joseph Vella u Dott. Darren Carabott.

Is-Segretarju informa lill- membri li l-Bord tal-Għażla ltaqa' it-Tnejn 30 ta' Settembru 2018 fl-5.30 ta' wara nofsinhar fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill u fetaħ in-nominazzjonijiet, li kienu nġabru u ġew issiġillati fl-istess data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet.

Għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2019 kien hemm b'kollox ħames (5) nominazzjonijiet.

Fil-preżenza tal-membri tal-kumitat u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, wara li infetħu n-nominazzjonijiet, il-Kumitat sar jaf min huma in-nies li ġew nominati għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2019 fejn dawn kienu:

1. Is-Sur Silvio Farrugia
2. Is-Sa Josette Zerafa
3. Is-Sa Elizabeth Vella li kellha 2 nominazzjonijiet
4. Kummissjoni Żgħażagħ Palmisti

In-nomini kollha kienu validi skont dak li hu indikat fil-linji gwida (artiklu 1.0). Il-motivazzjoni ta' kull nomina nqrat u ġiet analizzata u diskussa mill-membri tal-Kumitat abbażi ta' artikli 4.0 u 5.0 tal-istess linji gwida. Dan wassal sabiex in-nominanti jiġu kklassifikati f'klassifika skont il-motivazzjonijiet li kitbu l-proponenti li huma responsabbli tal-kontenut tal-formola skont kif indikat fil-linji gwida (sub artiklu 7.1.6.1) u mill-persuni sekondanti.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni fuq in-nominati kollha, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sa Elizabeth Vella kienet tikklassifika ferm 'il quddiem minn nominazzjonijiet l-oħra. Waqt l-istess evalwazzjoni kien innutat ukoll lis-Sa Josette Zerafa jistħoqqilha li tingħata l-mertu dan minħabba l-fatt li tul iz-zmienijiet dejjem ħadmet b'risq il-Parroċċa u l-Vendriżi.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali Santa Venera li:

Ġieħ Santa Venera 2019 jingħata lis-Sa Elizabeth Vella

Mertu Santa Venera 2019 jingħata lis-Sa Josette Zerafa

Is-Sindku ppropona u s-Sur Silvio Vella ssekonda din ir-rakkomandazzjoni filwaqt li l-membri kollha qablu unanimament.

Is-Sindku rrimarka li għas-sena li ġejja trid issir bidla radikali ta' kif għandu jingħata l-Mertu.

Fis-7:05pm reġgħu daħlu għall-kumplament tal-Laqgħa s-Sa Courtney Farrugia, is-Sur Joseph Vella u Dott. Darren Carabott.

Is-Sur Silvio Vella informa lill-membri li il-Ġimgħa 15 ta' Novembru, jixtieq li jsir festin żgħir lill-anzjani b'rabta ma' Jum Santa Venera ġewwa ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum. Huwa antiċipat li l-ispiża ma taqbiżx il-EUR 250.

Il-Membri qablu unanimament.

**5.6.3 Ingaġġ ta' skrivan/Assistent Uffiċjal Prinċipali Skala 13 u Skala 11**

Is-Sindku nforma lill-membri l-wara li kien hemm ir-riżenja tas-Sa Annlise Mallia, s-Sindku ssuġġerixxa sabiex ikunu ingaġġati żewġ ħaddiema oħra uffiċjal Eżekuttiv skala 13 u Assistent Uffiċjal skala 11 sabiex ikun assistent tas-Segretarju Eżekuttiv.

Wara diskussjoni s-Sindku ppropona u Dott. Darren Carabott ssekonda din il-proposta filwaqt li l-membri qablu unanimament

**5.6.4 Traffic Management: Triq il-Parroċċa**

Is-Sindku tkellem dwar il-problema li hemm għall-entratura għat-toroq: Triq il-Brunżar, Triq Emmanuel Attard, Triq il-Parata, Triq l-Inkwina u Triq in-Nagħal. Is-Sindku qal li hemm żewġ soluzzjonijiet:

1. Triq il-Parroċċa tinqaleb u wieħed ikun jista' jidħol minn Triq il-Kanun u ħruġ ikun għal Triq il-Kbira San Ġużepp jew
2. Triq Qormi k/m Triq il-Kanun issir 2 way pero biex issir hekk ikunu jridu jitneħħew il-parking bays li hemm in-naħa tal-mekkanik.

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil sabiex il-Kunsill iqabbad persuna espert/a fl-imaniġġjar tat-traffiku. Din il-proposta mressqa minn Dott. Carabott ġiet issekondata mis-Sindku.

Is-Sindku ppropona sabiex issir laqgħa ta' konsultazzjoni għar-residenti fil-preżenza tal-konsulent/a u ta' TM nhar t-Tnejn 2 ta' Diċembru 2019 fis-6:00pm f'Aġenzija Żgħażagħ. Kien hemm qbil li r-residenti għandhom ikunu infurmati billi tintbgħat ittra lir-residenti ta' dawn it-toroq – Triq Emmanuel Attard, Triq l-Inkwina, Triq in-Nagħal, Triq Dun Frans

Camilleri, Triq Carini, Triq il-Kukkanja, Triq il-Parata, Triq il-Brunżar, Triq il-Parroċċa u Triq Qormi.

Il-Membri qablu unanimament.

**5.6.5 *Football tournament***

Is-Sindku talab lis-Sur Kursten Dimech sabiex jitkellem fuq din l-attivita li jixtieq li jorganizza. Is-Sur Dimech ippropona sabiex fit-13 ta' Diċembru isir football turnament bejn l-għaqdiet ta' Santa Veenra u fis-26 ta'Diċembru 2019, il-Kunsill jorganizza football turnament triangolari bil-kollaborazzjoni ta' Santa Venera Lightnings. Sehem il-Kunsill f'dawn it-turnaments ikun li jipprovdi r-referees, trofew u midalji.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**5.6.6 Jum it-tfal**

Is-Sur Kursten Dimech informa lill-membri dwar jum it-tfal li ser ikun ċelebrat fl-20 ta' Novembru. F'dan ir-rigward is-Sur Dimech ippropona sabiex fis-17 ta' Novembru fis-9:30am isir attivita' f'Misraħ Santa Venera fejn ikun hemm tberik tal-annimali u wara t-tberik issir *treasure hunt* fi ġnien Romeo Romano fejn kull parteċipant jingħata *goodie bag.*

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

**5.6.7 Halloween Party**

Is-Sindku informa lill-membri li s-Sur Kursten Dimech jixtieq li fil-31 ta' Ottubru bejn is-6:00pm u l-10:00pm ssir attivita' tal-Halloween mill-Kunsill bil-pateċipazzjoni tal-iskawts. F'dan ir-rigward il-Kunsill irid jieħu ħsieb is-sound u DJ €150 , armar tal-ġnien €150 u żewġ trophies sabiex issir kompetizzjoni tal-isbaħ kostum tal-kbar u l-isbaħ kostum taż-żghar.

Wara diskussjoni l-membri qablu unanimament

## 5.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F'din il-laqgħa ġew preżentati dawn il-Minuti tas-sotto kumitati rispettivi

Is-Sindku ippreżenta il-Minuti tas-Sotto Kumitat għall-proġetti kapitali u infrastruttura u tal-Kultura u tal-attivitajiet soċjali.

Is-Sur Kursten Dimech ippreżenta il-Minuti tas-Sotto Kumitat tal-isports u attivitajiet fiżiċi u tfal u tas-Sotto Kumitat tal-Ħarsien tal-Annimali

Is-Sur Joseph Vella ippreżenta il-Minuti li saret bejn it-tlett Sotto Kumitati tal-Integrazzjoni Socjali, Ambjent, Edukazzjoni u Saħħa.

## 5.8 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti flimkien mal-Petty Cash ġew diskussi u approvati unanimament.

.

## 5.9 Ilmenti

Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru 714 sa 809.

| | |
|---|---|
| 714 | Contracts Manager |
| 715 | a) Contracts Manager<br>b) Persuna konċernata irid japplika direttament ma' TM |
| 717 | Diga hemm wieħed |
| 722 | Work Order |
| 723 | Work Order – ma jridx ikun fil-viċinanzi ta' xi familji |
| 724 | Contracts Manager |
| 725 | Isiru double yellow lines |
| 728 | Ħaddiema Assenjati |
| 731 | Wara li ssir it-triq |
| 734 | Żebgħa għadha tajba |
| 736 | Pendenti |
| 739 | Ikun identifikat fejn qed jiġi allegat |
| 743 | Ġardinar |
| 745 | Work Order |
| 750 | Work Order |
| 753 | Jitwaħħal vit bil-katnazz- Ħaddiema Assenjati |
| 754 | Pulizija |
| 755 | Ħaddiema Assenjati |
| 756 | Infurzar |
| 757 | Niċċekjaw jekk kienx hemm permess li nħarġu mill-Kunsill |
| 758 | a) Ittra<br>b) Ittra<br>c) Ittra<br>d) Azzjoni ittieħdet |
| 766 | Kunsill ma jagħmilx "No Parking Signs" |
| 770 | Ġardinar |
| 771 | Pulizija |
| 774 | Pulizija |
| 775 | Pulizija |

| | |
|---|---|
| 776 | Green Pak |
| 783 | Diga hemm wieħed fil-vicinanzi |
| 785 | Contracts Manager |
| 790 | Ma tistax issir |
| 792 | Ħaddiema Assenjati |
| 794 | Azzjoni ittiehdet |
| 795 | Jiġu ordnati stickers bin-numri |
| 798 | Ma tistax issir |
| 799 | Isiru ġaladarba hemm il-permessi neċessarji |
| 800 | Kienu ġew proposti għat-toroq arterjali |
| 802 | Ħaddiema Assenjati |
| 804 | Ħaddiema Assenjati |
| 805 | Ħaddiema Assenjati |
| 806 | Ħaddiema Assenjati |
| 807 | Work Order |
| 808 | Work order |
| 809 | Ħaddiema Assenjati |

## 5.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għall-11 ta' Novembru, 2019, fis-6.30pm

Konfermati, illum 11 ta' Novembru, 2019

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv